*Kitba ta'*
**Dr. Horatio Caesar Roger Vella**
*Senior Lecturer fil-Latin u l-Grieg,*
*Università ta' Malta*

# L-Iskrizzjonijiet li jinsabu fis-sagristija tal-Knisja Kolleġġjata ta' Bormla (3)

F'din l-edizzjoni se naraw tlett iskrizzjonijiet oħra li jinsabu mal-ħajt tas-sagristija: L-ewwel waħda (11), dik dedikata lill-Kardinal Rivalore, tinsab hekk kif tidħol fis-sagristija, lemin, mal-ħajt tal-knisja; it-tieni (12) lill-Kardinal Ferrata, li tinsab fuq il-ħajt tax-xellug wara li tidħol mill-bieb; u t-tielet (13) lill-Arċisqof Pietru Pace, li tinsab ma' l-istess faċċata bħal ta' qabilha. Fl-iskrizzjoni ta' Ferrata jissemma wkoll il-Papa San Piju X.

Dawn it-tlett iskrizzjonijiet l-aktar riċenti li jinsabu fis-sagristija huma kollha konnessi ma' l-eżistenza tal-Kulleġġ tal-Kanonċi. Fl-iskrizzjonijiet ta' Rivalore u ta' Pietru Pace, il-Kanonċi qegħdin jirċievu xi privileġġ, bħal dak li jġorru debbus tal-fidda. Fl-iskrizzjonijiet kollha li ghandna llum il-Kanonċi qegħdin ukoll jagħtu xi unur, tnejn minnhom lil żewġ Kardinali, wieħed lill-Arċisqof.

Kemm Iskrizzjoni 12 u kemm Iskrizzjoni 13 jirriflettu l-kontenut ta' Iskrizzjoni X li aħna konna ttrattajna meta rajna l-iskrizzjonijiet ta' ġol-knisja, u l-okkażjoni kienet l-inkurunazzjoni tal-pittura titulari u l-għotja lill-Kanonċi tad-debbus tal-fidda.

F'dawn l-iskrizzjonijiet, bħal dawk ta' qabilhom, insibu diversi reminixxenzi ta' awturi Klassiċi li jien ikkwotajt xi wħud minnhom fin-noti, bħal Apulejju, Ċiċerun, Livju, Nepote, Floru, Swetonju, Lukrezju, Marzjale u Plinju. L-arti ta' l-użu tal-Latin tidher ukoll fl-istil li jispikka fl-użu ta' l-iperbaton, alliterazzjoni u assonanza, kollha spjegati fin-noti.

Din se tkun l-aħħar minn sensiela twila fejn ittrattajna l-iskrizzjonijiet li hemm fil-Knisja Kolleġġata u fis-sagristija tal-Belt ta' Cospicua. Wieħed jittama li b'dak li qrajna ersaqna qrib mhux biss lejn l-istorja ta' din il-Belt, imma wkoll lejn l-imħabba lejn il-Latin li bih fil-passat l-istorja kienet miktuba.

11.
AVGVSTINO RIVALORE,
EX PATRVM PVRPVRATORVM[i] SENATV[ii],
QVI SEDVLAM NAVAVIT OPERAM[iii]

VT TEMPLVM CVRIALE
CANONICORVM COLLEGIO[iv], INSIGNIBVS ET PRIVILEGIIS
DITARETVR,
IMAGINIS HONORES DECREVIMVS
NE TANTI VIRI EXIMIE MERITI
NOMEN ET CLARE FACTA
DELERE <N>T [VR][v] OBLIVIO.

Aħna ddeċidejna li jseħħ,
permezz ta' din ix-xbiha,
dan l-unur
għal Wistin Rivalore,
mis-Senat tal-Kardinali
li ta l-attenzjoni żelanti tiegħu
sabiex dan it-tempju parrokkjali
ikun imżejjen
b'Kulleġġ tal-Kanonċi, dekorazzjonijiet u privileġġi,
sabiex l-isem u l-azzjonijiet famużi
ta' dan ir-raġel tant kbir u wisq meritevoli
ma jinqerdux għal dejjem.

STATVS ANIMARVM
CIVITATIS COSPICVAE

L-Istatus Animarum
Tal-Belt ta' Cospicua.

12[vi]
DOMINICVS FERRATA[vii],
E COLLEGIO PATRVM PVRPVRATORVM PRAEFECTVS SACRO[viii],
CONSILIO EPISCOPORVM ET SODALIVM RELIGIOSORVM
CAVSIS IVDICANDIS,
AVCTORITATE PII X[ix] PONT[IFICIS] MAX[IMI][x],
IMAGINEM MARIAE IMMACVLATAE[xi]
IN HOC TEMPLO ANTIQVA PIETATE CVLTAM[xii],
POST SACRVM SOLEMNE PONTIFICIO RITV PERACTVM[xiii],
[ANTE DIEM] VII KAL[ENDAS] IVL[IAS], [ANNO] MCMV[xiv],
AVREA CORONA GEMMIS[xv] DISTINCTA[xvi],
PLAVDENTE POPVLO[xvii],
REDIMIVIT[xviii].

TANTO VIRO
CANONICI P[OSVERVNT]GRATI ANIMI[xix]
[HOC] MONVMENTVM[l].





*Kardinal Duminku Ferrata.*

Duminku Ferrata,
Prefett mill-Kulleġġ Sagru tal-Kardinali,
Bil-parir ta' l-isqfijiet u ta' l-Għaqdiet Reliġjużi
Imwaqqfin biex jaqtgħu s-sentenzi,
Bl-awtorità tal-Papa Piju X,
Inkuruna,
Fil-25 ta' Ġunju, fis-sena 1905,
B'kuruna tad-deheb imżejna bil-ġawhar,
ix-xbiha ta' Marija Immakulata
meqjuma f'dan it-tempju b'devozzjoni antika,
wara li saret ċelebrazzjoni liturġika solenni
b'pontifikal,
waqt li l-poplu wera l-approvazzjoni tiegħu.

Lil dan ir-raġel tant kbir
Il-Kanonċi għamlu din it-tifkira
B'ħajr.

13.
PETRO PACE[xx],
ARCHIEP[ISCOPO] RHOD[I],
PONTIFICI MELITENSIVM,
IMAGINIS HONORES
GRATI ANIMI[xxi] ERGO DECREVERE



*Arċisqof Pietro Pace.*

CANONICI CONSPICVANI
QVOD ICON[A][xxii] MARIAE LABIS NESCIAE,
CVI AEDES HAEC EST[xxiii] SACRA,
AVCTORITATE ANTISTITIS MAX[IMI],
AVREO DIADEMATE CORONATA FVERIT
ET ARGENTEA CLAVA[xxiv] SENATORIA
CANONICORVM COLLEGIO CONCESSA[xxv]
ANNO MCMV.

Għaldaqstant,
il-Kanoniċi ta' Cospicua
ddeċidew li (jonoraw) bi gratitudini
lil Pietru Pace,
Arċisqof ta' Rodi,
Isqof ta' Malta,
bir-rigal ta' din il-pittura
peress li l-ikona ta' Marija Mingħajr Tebgħa,
li għaliha dan il-maqdes hu kkonsagrat,
bl-awtorità tal-Papa,
ġiet inkurunata b'diadema tad-deheb
u peress li debbus tal-fidda senatorjali
ġie mogħti lill-Kulleġġ tal-Kanonċi
fis-sena 1905.

## Noti

i **PATRVM PVRPVRATORVM** Innota l-alliterazzjoni ta' P ta' R f'dawn iż-żewġ kelmiet. Ara wkoll l-użu tagħha fl-iskrizzjoni li tmiss.

ii **EX... SENATV** Din hija l-ewwel okkorrenza ta' l-iperbaton, fejn kliem li jmorru ma' xulxin jiġu mifrudin minn kliem ieħor. Fil-każ tagħna, **EX** hi mifruda minn **SENATV** permezz ta' **PATRVM PVRPVRATORVM**.

iii **SEDVLAM... OPERAM** Użu ieħor ta' l-iperbaton. Ara wkoll Livju, *Mit-twaqqif tal-Belt* 28.35.9: *Cupere se illi populoque Romano **operam navare** ita ut nemo unus externus magis enixe adiuverit rem Romanam.*

iv **CVRIALE CANONICORVM COLLEGIO** Innota l-alliterazzjoni ta' **C** f'dawn it-tliet kelmiet.

v **NOMEN... DELERENTVR** Peress li s-suġġett ta' dan il-verb huwa kemm **NOMEN** u kemm **FACTA**, allura **DELET[VR]** ġiet emendata għall-plural. Ara wkoll Nepote, *Timoteu* 1.2: *Multa huius sunt **praeclare facta**, sed haec maxime illustria; Ċiċerun, Filippiċi* 1.1: *atque omnem memoriam discordiarum **oblivione sempitera delendam** censui*; Livju, *Mit-twaqqif tal-Belt* 3.8.10: *Ibi volscum **nomen** prope **deletum est**.*

vi Biex wieħed japprezza din l-iskrizzjoni u ta' warajha, huwa mistieden jara *Programm tal-festa ta' Marija Immakulata bil-bieb ta' Bormla: Festa 2000*, 62-63, iskrizzjoni X, li tinsab taħt il-gallerija fil-knisja, fejn l-istess avvenimenti u persunaġġi huma msemmija, fosthom, l-inkurunazzjoni ta' l-istatwa tal-Madonna.

vii Il-Kardinal Ferrata miet fil-21 ta' Ottubru, 1914. Dan nafuh, per eżempju, minn telegramma li waslet minn Ruma fil-Katidral ta' Għawdex sabiex il-Kapitlu jkun infurmat bl-aħbar ta' mewtu. Dan ġie segwit minn ittra li ntbagħtet Ruma fuq l-istess aħbar mill-Kapitlu tal-Katidral, u minn stedina li saret minn Mons. Wiġi Vella fuq ċelebrazzjoni funebri li kellha ssir fil-knisja ta' Santa Sabina, Victoria, Għawdex, sabiex jiġi mfakkar il-Kardinal Ferrata. (Ara H.C.R. Vella, *A catalogue of the Archives of the Cathedral in Gozo*, Gozo Cathedral, Victoria, Gozo, 2004, Vol. I + II, Ms.m15 u Ms.ta15.) Fl-istess Arkivju, insibu kopja ta' ittra li l-Arċidjaknu Dun Ġużeppi Mizzi kien bagħat lill-Kardinal Ferrata sabiex jifraħlu tal-ħatra tiegħu bħala Segretarju ta' l-Istat tal-Vatikan (Vol. I, Msab18.3).

viii **COLLEGIO... SACRO** Użu ieħor ta' l-iperbaton.

ix Ġużeppi Sarto kien bin skarpan u l-ikbar minn tmint itfal. Studja fis-seminarju ta' Padova. Fil-pastorali tiegħu wera mħabba speċjali lejn is-Santissmu Sagrament. Laħaq Isqof ta' Mantova u Kardinal, u Papa bl-isem ta' Piju X wara Iljun XIII. Heġġeġ sabiex nitqarbnu sikwit. Miet fl-20 ta' Awissu, 1914.

x Dawn il-kliem minn **PRAEFECTVS** sa **MAXIMI** huma meħudin *verbatim* mill-imsemmija iskrizzjoni ta' ġol-knisja.

xi **IMAGINEM MARIA IMMACVLATAE** Innota hawn l-alliterazzjoni ta' l-ittra **M**.

xii **IMAGINEM... CVLTAM** Użu ieħor ta' l-iperbaton.

xiii **POST SACRVM... PERACTVM** Innota hawn, barra l-iperbaton, l-alliterazzjoni ta' **S**, **P** u **R**. Ara wkoll Swetonju, *Awgustu* 94.4: *InAsclepiadis Mendetis Theologumenon libris lego, Atiam, cum ad **sollemne** Apollinis **sacrum** media nocte venisset, posita in templo lectica, dum ceterae matronae dormirent, obdormisse.*

xiv **[ANTE DIEM] VII KAL[ENDAS] IVL[IAS], [ANNO] MCMV** L-iskrizzjoni ta' ġol-knisja, però, tagħti d-data ta' l-24 ta' Ġunju, 1915.

xv **AVREA... GEMMIS** Ċiċerun, *Fuq ix-xjuħija* 17.59: *Cyri ornatus Persicus multo **auro** multisque **gemmis***; Livju, *Mit-twaqqif tal-Belt 7.37.1: et praeter militaria alia dona **aurea corona** eum et centum bubus eximioque uno albo auratis cornibus donat.*

xvi **CORONA... DISTINCTA** Użu ieħor ta' l-iperbaton.

xvii **PLAVDENTE POPVLO** Dawn l-aħħar żewġ kelmiet ukoll huma meħuda mill-imsemmija iskrizzjoni ta' ġol-knisja. Innota wkoll l-alliterazzjoni ta' l-ittra **P**.

xviii **CORONA... REDIMIVIT** Swetonju, *Vitellju* 10: *Namque itinere incohato per medias civitates ritu triumphantium vectus est perque flumina delicatissimis navigiis et variarum **coronarum** genere **redimitis**.*

xix **GRATI ANIMI** Ċiċerun, *Filippiċi* 4.1.3: *Laudo, laudo vos, Quirites, quod **gratissimis animis** prosequimini nomen clarissimi adulescentis vel pueri potius.*

xx Pietru Pace twieled f'Victoria, Għawdex, fid-9 ta' April, 1833, sar qassis fl-1857, Katidral ta' Malta, Professur ta' l-Iskrittura fis-Seminarju, Professur fit-Teoloġija Morali fl-Università ta' Malta, Vigarju ta' l-ewwel Isqof ta' Għawdex fl-1864, Isqof ta' Għawdex fl-1877, u Arċisqof ta' Malta fl-1888. Huwa miet f'Victoria fit-22 ta' Lulju, 1914, u jinsab midfun fil-Katidral ta' Għawdex (M.J. Schiavone u L.J. Scerri, *Maltese biographies of the twentieth century*, Malta, Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 1997, *s.v.*).

xxi **GRATI ANIMI** Ara nota fuq.

xxii **CANONICI... ICONA** Innota hawn l-alliterazzjoni ta' l-ittri **C** u **Q**.

xiii **AEDES HAEC EST** Innota hawn l-asindeton, fejn kliem f'sensiela jibdew mingħajr konsonanti.

xxiv **ARGENTEA CLAVA** Ara l-imsemmija iskrizzjoni ta' ġol-knisja.

xxv **FVERIT** sottinteż. Innota hawn l-alliterazzjoni ta' l-ittra **C**.